DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Ġunju 2017

dwar il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ta' talba għal emenda ta' speċifikazzjoni għal isem fis-settur tal-inbid imsemmi fl-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Dealurile Crişanei (IĠP)]

(2017/C 197/05)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 97(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Rumanija bagħtet applikazzjoni għall-emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni "Dealurile Crişanei" skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(2) Il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni u kkonkludiet li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 93 sa 96, l-Artikolu 97(1), u l-Artikoli 100, 101 u 102 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 intlaħqu.

(3) Sabiex tippermetti l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-applikazzjoni għal emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni "Dealurile Crişanei" jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-applikazzjoni għall-emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni "Dealurile Crişanei" (IĠP) skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tagħti d-dritt li wieħed jopponi l-emenda tal-ispeċifikazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

ANNESS

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA ĠDIDA GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT

"DEALURILE CRIŞANEI"

PGI-RO-A0106-AM01

Data tas-sottomissjoni: 3.6.2015

1. **Regoli applikabbli għall-emenda**

L-Artikolu 105 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Emenda mhux minuri

2. **Deskrizzjoni u raġunijiet għall-emenda**

2.1. *Emenda liż-żona demarkata*

L-assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-Inbid tal-vinji tradizzjonali ta' Satu Mare ressqet applikazzjoni biex timmodifika l-ispeċifikazzjonijiet għad-Dealurile Sătmarului GI, biex tiġi estiża ż-żona tal-produzzjoni demarkata biex tinkludi l-lokalitajiet li għandhom il-karatteristiċi speċifiċi taż-żona ta' Satu Mare. Dawn il-lokalitajiet kienu ġew inklużi b'mod skorrett fiż-żona ddemarkata tal-ispeċifikazzjonijiet għad-Dealurile Crişanei GI, peress illi hemm serje ta' argumenti rigward il-post u l-fatturi ekopedoklimatiċi f'dawk il-lokalitajiet, li huma speċifiċi għaż-żona tal-indikazzjoni Dealurile Sătmarului u mhux dik Dealurile Crişanei. Dan ta' hawn fuq huwa sostnut b'informazzjoni rigward l-inbejjed mir-reġjun tal-produzzjoni tal-inbid ta' Dealurile Sătmarului, jiġifieri minn Răteşti, li ilhom ħafna jiġu prodotti u li huma magħrufa bl-isem "Dealurile Răteştilor" jew "Vinul de Halmeu".

L-inklużjoni tal-lokalitajiet in kwistjoni fiż-żona ta' Satu Maru u, għalhekk, fl-indikazzjoni "Dealurile Sătmarului" u mhux f'"Dealurile Crişanei", hija appoġġata b'dejta dwar ir-riżalt u l-klima ta' għoljiet bħal Ardud-Beltiug-Hurez, Hododului, Tăşnad-Săuca-Pir, Săcăşeni-Supur, Tăşnad-Cehal, li huma iktar weqfin u huma mtarrġa b'tali mod li jpattu għal kemm huma weqfin, b'ħamrija tat-tafal aħmar tal-Plejstoċenu u b'xaqlibiet li jħarsu lejn it-Tramuntana inqas weqfin koperti b'ħamrija aktar podżolika. L-influwenzi Mediterranji jippermettu l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' nbejjed b'aromi tal-fjuri jew tal-frott (il-frott irqiq tal-bosk tal-Pinot noir, tal-Merlot, tal-Burgund mare), kif ukoll inbejjed b'riħa ta' bżar jew ħaxix b'noti primarji pjaċevoli (Fetească albă, Furmint). It-togħmiet huma tipiċi tal-varjetà: togħma mimlija, tannika, bellusija u b'astringenza moderata, qawwija, friska (l-inbejjed bojod).

Il-lokalitajiet li qegħdin jitneħħew miż-żona tal-indikazzjoni ġeografika "Dealurile Crişanei" jinsabu fil-kontea ta' Satu Mare. Dawn huma:

— Valea lui Mihai

— Il-muniċipalità ta' Carei, il-lokalità ta' Carei

— Pir (ir-raħal ta' Pir)

— Săuca (ir-raħal ta' Săuca)

— Cehal (l-irħula ta' Cehal, Cehăluț u Orbău)

— Il-belt ta' Tăşnad, bil-lokalità ta' Tăşnad

— Sanislău, fil-Kontea ta' Satu Mare, bil-lokalità ta' Sanislău (ir-raħal ta' Sanislău)

— Răteşti, bil-lokalitajiet:

  — Beltiug (l-irħula ta' Beltiug, Răteşti u Şandra)

  — Ardud (l-irħula ta' Ardud, Ardud Vii u Geräuşa)

  — Viile Satu Mare (l-irħula ta' Viile Satu Mare u Tătărăşti)

  — Socond (l-irħula ta' Socond u Hodişa)

  — Supur (l-irħula ta' Dobra, Hurezu Mare u Racova)

  — Acâş (ir-raħal ta' Unimăt)

  — Bogdand (l-irħula ta' Bogdand, Babţa, Ser u Corund)

  — Hodod (l-irħula ta' Hodod, Nadişu Hododului, Lelei, Giurtelecu Hododului)

Il-lokalitajiet ta' hawn fuq ma għadhomx fiż-żona ddemarkata tal-indikazzjoni "Dealurile Crişanei".

Bid-demarkazzjoni mill-ġdid taż-żona ġeografika tal-indikazzjoni ġeografika "Dealurile Crişanei" bit-tneħħija tal-lokalitajiet elenkati hawn fuq li jinsabu fit-territorju tal-Kontea ta' Satu Mare, iż-żona tal-kultivazzjoni u tal-produzzjoni demarkata li minnha se jinkisbu l-inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika se tinkludi dawn li ġejjin:

Il-Kontea ta' Bihor, il-lokalitajiet:

— Diosig (l-irħula ta' Diosig u Vaida)

— Săcueni (l-irħula ta' Săcueni u Cadea)

— Ciuhoi (l-irħula ta' Sâniob u Ciuhoi)

— Biharia (ir-raħal ta' Biharia)

— Cetariu (l-irħula ta' Şişterea u Paleu)

— Tileagd (ir-raħal ta' Tileagd)

— Valea lui Mihai.

Il-Kontea ta' Sălaj, il-lokalitajiet:

— il-belt ta' Şimleu Silvaniei, il-lokalitajiet ta' Şimleu Silvaniei u Cehei

— Nuşfalău (l-irħula ta' Nuşfalău, Boghiş, Bozieş u Bilghez)

— Vârşolț (ir-raħal ta' Vârşolț)

— Ip (l-irħula ta' Ip, Zăuan, Zăuan Băi)

— Camăr (ir-raħal ta' Camăr)

— Pericei (l-irħula ta' Pericei, Sici u Bădăcin)

— Carastelec (l-irħula ta' Carastelec u Dumuslău)

— Crasna (ir-raħal ta' Crasna)

— Măerişte (ir-raħal ta' Măerişte, Doh u Uileacu Şimleului)

— il-muniċipalità ta' Zalău, il-lokalità ta' Zalău

— Meseşenii de Jos (l-irħula ta' Meseşenii de Jos u Aghireş)

— Crişeni (Crişeni u Gârceiu)

— Hereclean (l-irħula ta' Hereclean, Guruslău, Dioşod u Badon)

— Dobrin (l-irħula ta' Dobrin u Doba)

— Horoatu Crasnei (ir-raħal ta' Horoatu Crasnei)

— Coşeiu (Coşeiu u Archid)

— Şamşud (l-irħula ta' Şamşud u Valea Pomilor)

— Bocşa (l-irħula ta' Bocşa u Borla)

— Sărmăşag (l-irħula ta' Sărmăşag, Lompirt, Ilisua u Moiad)

— Bobota (l-irħula ta' Bobota, Dersida u Zalnoc).

Il-lokalità ta' Valea lui Mihai fil-kontea ta' Satu Mare, bi żball ġiet inkluża fl-indikazzjoni ġeografika ta' "Dealurile Crişanei" fil-fajl tekniku li ntbagħat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118(s) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

L-iżball tal-inklużjoni tal-lokalità ta' Valea lui Mihai fil-kontea ta' Satu Mare, fiż-żona tal-indikazzjoni, huwa minħabba li fil-passat, skont id-diviżjoni/id-demarkazzjoni taż-żoni tat-tkabbir tad-dwieli fil-perjodu tar-reġim Komunista fir-Rumanija, meta l-lokalitajiet ġew organizzati skont il-vinji u ċ-ċentri għat-tkabbir tad-dwieli, kien hemm vinja magħrufa bl-isem ta' Valea lui Mihai li estendiet fiż-żewġ kontej, Satu Mare u Bihor.

Skont l-Ordni tal-Ministru tal-Agrikoltura, tal-Ikel u tal-Forestrija Nru 397/2003 li tapprova d-Deżinjazzjoni taż-żoni tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid u r-raggruppament tal-lokalitajiet f'reġjuni tat-tkabbir tad-dwieli, vinji u ċentri tat-tkabbir tal-inbid (ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 513 tas-16 ta' Lulju 2003), fil-punt V — Ir-Reġjuni tat-tkabbir tal-Inbid ta' Crişanei u Maramureşului, il-pożizzjoni 28 tqiegħed lil Valea lui Mihai fil-kontea ta' Satu Mare barra minn Bihor, fuq il-bażi tas-setturi l-qodma msemmija hawn fuq.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem li għandu jiġi rreġistrat/Ismijiet li għandhom jiġu rreġistrati**

Dealurile Crişanei

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

IĠP — Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

3. **Kategoriji għall-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

Il-karatteristiċi kimiċi u organolettiċi

— qawwa alkoħolika attwali: minimu ta' 10 % skont il-volum;

— l-aċidità totali (aċidu tartariku): minimu ta' 4,5 g/l;

— aċidità volatili (aċidu aċetiku): massimu ta' 1,2 g/l;

— estratt niexef li ma jirriduċix: mhux anqas minn 17 g/l;

— it-total tad-diossidu tal-kubrit: massimu ta' 300 mg/l;

— id-diossidu tal-kubrit ħieles: massimu ta' 60 mg/l

1. Sauvignon:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: aħdar fl-isfar, brillanti, l-ebda marka ta' ossidazzjoni

— Riħa: aroma raffinata tal-fjura tas-sebuqa

— Togħma: b'togħma ta' frott, pjaċevoli

2. Traminer roz:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: isfar fl-aħdar, brillanti

— Riħa: aroma friska, pjaċevoli tal-petali tal-ward

— Togħma: delikata, armonjuża, il-maturazzjoni fil-flixkun tagħti kwalitajiet distinti

3. Pinot Gris:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: abjad fl-aħdar, b'laqtiet kemxejn safranija

— Riħa: aroma primarja pjaċevoli tat-tuffieħ imqatta' frisk

— Togħma: ratba, palatabbli, b'togħma ħafifa tal-qoxra tal-ħobż tas-segala u ta' fjuri tal-akaċja

4. Fetească regală:

— Dehra: ċara

— Kulur: isfar fl-aħdar, jista' jsir isfar dehbi fil-maturità tal-konsum

— Riħa: aroma tat-tuffieħ tas-sajf daqsxejn qares, meta jkun kemxejn immaturat ikollu togħma ħafifa ta' ħuxlief maħsud frisk u ta' għasel

— Togħma: distintiva, qawwija, li ssir kemxejn qisha l-etere bil-maturazzjoni, ibbilanċjata

5. Fetească albă:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: abjad fl-aħdar

— Riħa: aroma primarja pjaċevoli

— Togħma: pjaċevoli, partikolari, bħat-tuffieħ tas-sajf

6. Riesling varietal (Riesling de Rhin, Riesling Italian):

— Dehra: ċara

— Kulur: isfar fl-aħdar, brillanti

— Riħa: ebda aroma primarja speċifika, għandha noti ġeblin, minerali fil-maturità

— Togħma: palatabbli, togħma ta' frott, friska immens, pjaċevolment aċidulata, nadifa u sobrija

7. Chardonnay

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: isfar dehbi

— Riħa: aroma karatteristika tal-akaċja

— Togħma: ratba, żejtnija, mimlija, bellusija, u armonjuża

8. Iordană

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: isfar fl-aħdar

— Riħa: tuffieħ aħdar nej

— Togħma: friska u vivaċi minħabba l-livell għoli ta' aċidità, għandu jiġi kkunsmat bħala "inbid żagħżugħ"

9. Mustoasă de Măderat:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: isfar fl-aħdar, bħal tal-lumi mhux misjur, jekk jiġi mmaturat fil-flixkun isir isfar ċar

— Riħa: tuffieħ aħdar nej, friska, b' noti ta' fjura tad-dwieli

— Togħma: friska u rinfreskanti, vivaċi minħabba l-livell għoli ta' aċidità iżda fl-istess ħin inbid "fit-tul", li jista' jiġi kkunsmat mill-ewwel mingħajr il-bżonn ta' maturazzjoni

10. Furmint:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: abjad fl-aħdar b'laqtiet ta' isfar ċar u mingħajr marki tal-ossidazzjoni

— Riħa: aroma primarja pjaċevoli ta' frott eżotiku

— Togħma: pjaċevoli, simili għal dik ta' frotta eżotika.

11. Furmint de Miniş:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: abjad fl-aħdar b'laqtiet ta' isfar ċar u mingħajr marki tal-ossidazzjoni

— Riħa: aroma primarja pjaċevoli ta' frott eżotiku

— Togħma: pjaċevoli, imponenti, b'finitura ċara u akkattivanti, oriġinali.

12. Muscat Ottonel:

— Dehra: ċara u brillanti

— Kulur: isfar lewn it-tiben jew isfar intens, skont il-kwalità tal-għeneb fil-ħsad

— Riħa: noti delikati ta' fjuri, aroma tipika tal-Muscat, kumplessa ħafna, sottili u delikata.

— Togħma: togħma tipika tal-Muscat, sottili, delikata, sħiħa, armonjuża, mimlija b'mod pjaċevoli u kemxejn bellusija.

13. Tămâioasă românească:

— Dehra: ċara u brillanti

— Kulur: isfar lewn it-tiben jew isfar intens, skont il-kwalità tal-għeneb fil-ħsad

— Riħa: noti delikati ta' fjuri, aroma tipika, sottili u delikata;

— Togħma: aroma tipika tal-inċens, palat qawwi, armonjuża, b'nota bellusija pjaċevoli

14. Cabernet Sauvignon:

— Dehra: ċara, trasparenti

— Kulur: aħmar rubin

— Riħa: aroma distinta ta' veġetazzjoni u ħaxix

— Togħma: ħarxa, tannika, iebsa, bil-maturazzjoni ssir pjaċevolment bellusija, mimlija u iktar ratba

15. Pinot noir:

— Dehra: ċara, trasparenti

— Kulur: aħmar ċirasa skur

— Riħa: aroma li tinbidel minn ċirasa għal ċirasa qarsa misjura mal-maturazzjoni

— Togħma: fina, bellusija, delikata, kumplessa u rfinuta

16. Merlot:

— Dehra: ċara, trasparenti

— Kulur: aħmar rubin, brillanti

— Riħa: aroma pjaċevoli ta' frott tal-foresti, lampun frisk

— Togħma: l-astringenza hija aktar moderata milli fil-każ tal-Cabernet Sauvignon, u għandha l-konsistenza bellusija speċifika għal din il-varjetà.

17. Fetească neagră:

— Dehra: ċara, trasparenti

— Kulur: aħmar granata intens

— Riħa: aroma kumplessa u oriġinali

— Togħma: iffurmata sew, pjaċevoli u biżżejjed qawwija, ta' togħma tajba u attraenti

18. Burgund mare:

— Dehra: ċara, pjaċevoli

— Kulur: aħmar granata bi ħjiel ta' vjola, kulur intens

— Riħa: aroma ta' frott tal-foresta misjur passolina ħamra, cowberry, tut u mirtilli.

— Togħma: ibbilanċjata, konsistenti, dewwiema, mhux aggressiva.

19. Syrah:

— Dehra: ċara, trasparenti

— Kulur: aħmar brillanti

— Riħa: riħa ta' fjuri b'aromi intensi ħafna li jfakkruk fil-bżar

— Togħma: tannika, konsistenti, b'palat qawwi

5. **Metodi tal-produzzjoni tal-inbid**

a. *Metodi enoloġiċi essenzjali*

Prattiki enoloġiċi

Restrizzjonijiet rilevanti dwar il-produzzjoni tal-inbid:

Iż-żieda tas-sakkarożju mhijiex permessa għall-produzzjoni ta' nbejjed bl-indikazzjoni ġeografika "Dealurile Crişanei".

b. *Produzzjoni massima*

Il-produzzjoni tal-għeneb — għall-varjetajiet Fetească regală, Iordană, Mustoasa de Maderat:

15 000 kg ta' għeneb għal kull ettaru

Il-produzzjoni tal-għeneb — għall-varjetajiet Fetească albă, Furmint, Furmint de Miniș, Riesling de Rhin u Riesling Italian:

12 500 kg ta' għeneb għal kull ettaru

Il-produzzjoni tal-għeneb — għall-varjetajiet Merlot, Feteasca neagra u Burgund mare:

12 500 kg ta' għeneb għal kull ettaru

Il-produzzjoni tal-għeneb — għall-varjetajiet Muscat Ottonel, Tămâioasă românească, Pinot gris, Chardonnay, Sauvignon, Traminer roz:

10 000 kg ta' għeneb għal kull ettaru

Il-produzzjoni tal-għeneb — għall-varjetajiet Cabernet Sauvignon, Pinot noir u Syrah:

10 000 kg ta' għeneb għal kull ettaru

Il-produzzjoni tal-inbid — għall-inbejjed bojod:

95 hl għal kull ettaru

Il-produzzjoni tal-inbid — għall-inbejjed ħomor, rosé u aromatiċi:

85 hl għal kull ettaru

6. **Żona demarkata**

Il-kontea ta' Bihor

— l-irħula ta' Diosig u Vaida

— l-irħula ta' Săcueni u Cadea

— l-irħula ta' Sâniob, Ciuhoi u Biharia

— l-irħula ta' Cetariu — Șișterea u Paleu

— ir-raħal ta' Tileagd

— ir-raħal ta' Valea lui Mihai

Il-kontea ta' Sălaj

Il-belt ta' Șimleu Silvaniei, bil-lokalitajiet ta' Șimleu Silvaniei u Cehei

— l-irħula Nușfalău, Boghiș, Bozieș u Bilghez

— ir-raħal ta' Vârșolț

— l-irħula ta' Ip, Ăuan and Ăuan Băi

— ir-raħal ta' Camăr

— l-irħula ta' Pericei, Sici u Bădăcin

— l-irħula ta' Carastelec, Dumuslău u Crasna

— l-irħula ta' Măeriște, Doh u Uileacu Șimleului

Il-muniċipalità ta' Zalău

— l-irħula ta' Meseșenii de Jos u Aghireș

— l-irħula ta' Crișeni u Gârceiu

— l-irħula ta' Hereclean, Guruslău, Dioșod u Badon

— l-irħula ta' Dobrin u Doba

— l-irħula ta' Horoatu Crasnei, Coșeiu u Archid

— l-irħula ta' Şamşud, Valea Pomilor, Bocşa u Borla

— l-irħula ta' Sărmăşag, Lompirt, Ilisua u Moiad

— l-irħula ta' Bobota, Dersida u Zalnoc

7. **Għenbiet ewlenin tal-inbid**

Burgund Mare N

Tămâioasă românească B

Pinot Gris G

Fetească neagră N

Muscat Ottonel B

Cabernet Sauvignon N

Sauvignon B

Merlot N

Fetească regală B

Fetească albă B

Furmint de Miniş B

Furmint B

Iordană B

Chardonnay B

Mustoasă de Măderat B

Syrah N

Traminer Roz Rs

Riesling italian B

Riesling de Rhin B

Pinot Noir N

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Rabta maż-żona demarkata

Il-karatteristika naturali speċifika tal-ambjent hija ż-żona tax-xmara Crişul Repede, ikkonfinata fit-Tramuntana mill-muntanja Şes, għoljiet ġentili qrib il-pjanura u l-influwenza tal-klima tal-Ewropa Ċentrali, li twassal għal ċertu tnaqqis fit-temperaturi u varjabbiltà ikbar tax-xita. Ix-xtiewi f'din iż-żona huma inqas ebsin, u ż-żoni tat-tkabbir tad-dwieli jgawdu minn ammont kbir ta' xemx filwaqt li huma protetti mill-irjieħ u mill-kurrenti keshin.

Fiż-żoni tat-tkabbir tad-dwieli ta' Diosig u Valea lui Mihai, fiż-żona ta' Silvania u fiċ-ċentri tat-tkabbir tad-dwieli ta' Biharia u Tileagd hemm dwieli mifruxa fuq żona kbira, fit-Tramuntana u l-Grigal tal-Oradea. Iċ-ċentri tat-tkabbir tad-dwieli taż-żoni tal-inbid (Diosig, Săcuieni u Sâniob) għandhom tradizzjoni li tmur lura għall-1569-1578. L-inbejjed bojod li jiġu prodotti hawnhekk huma rikki, b'togħma espressiva u karattru qawwi aċiduż u b'togħma ta' frott. Il-varjetajiet b'potenzjal partikolari f'din iż-żona ta' tkabbir tal-inbid jinkludu l-Fetească albă, il-Fetească regală, ir-Riesling Italian u l-Muscat Ottonel aromatiku. L-inbejjed ta' din iż-żona għandhom struttura bbilanċjata tajjeb. Il-potenzjal enoklimatiku tar-reġjun tal-produzzjoni tal-inbid għandu punteġġ ta' 4 287 fuq l-indiċi idro-eljo-termali. Dan ifisser li r-reġjun huwa partikolarment addattat għall-inbid abjad, li jkollu aromi espressivi ta' fjuri tal-akaċja, tuffieħ aħdar u ħaxix maqtugħ (Fetească regală), b'finitura twila (Tămâioasă românească), lanġas misjur, noti ta' vanilla meta jiġi mmaturat fi btieti tal-ballut, b'noti eżotiċi prominenti ta' ananas (Chardonnay), ibbilanċjat u b'aċidità tajba. L-inbejjed ħomor ikunu mimlija, bellusija, b'aromi li jvarjuaw minn ċirasa sa ċirasa morra misjura meta jimmatura fil-każ tal-Pinot noir, noti ta' bżar fil-każ tas-Syrah, u frott tal-foresti tipiku — lampun frisk fil-każ tal-Merlot.

9. **Kundizzjonijiet essenzjali oħra**

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' kundizzjoni ulterjuri:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Meta jkunu ttikkettati, l-inbejjed bl-indikazzjoni ġeografika "Dealurile Crișanei" irid ikollhom tikketta prinċipali. It-tikketta ta' wara mhijiex obbligatorja.

10. **Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

http://www.onvpv.ro/sites/default/files/
caiet_sarcini_ig_dealurile_crisanei_cf_cererii_de_modif_395_din_20.02.2015_accept_changes.pdf